NOTA MINN LORENZA BONNICI CALI`........

Wara' dan it-taghrif storiku li taghna hija Rafel xtaqt inzid xi haga jiena. Ommi kienet tuza l-ark ta' l-ghonnella fuq in-naha tax-xellug biex tkun tista' zzomm it-tarbija fuq derghiha tal-lemin, izda mhux kulhadd kien juza l-ghonnella bhalha, ghax x'uhud kienu juzaw l-ark fuq il-lemin u jipprotegu lit-trabi taghhom bid-drapp tan-naha xellugija...kulhadd gos-tih...imma f'xi rhula, dawk li kienu juzaw l-ark xellugi kienu jitqiesu ta' kondotta hazina. Dan kien gudizzju bla sens, bhal kull superstizzjoni ohra.

Irrid ukoll nghid, li bosta bniet zghar, kienu jhobbu jkollhom ghonnella zghira biex jilghabu "tal-mama`" ma' shab-hom, u taht din l-ghonnella jzommu l-pupa taghhom. Jiena kelli ghonnella u pupa wkoll, u nista' niftahar li wara' dan iz-zmien kollu ghadhom ghandi bla ebda hsara, u nghozzom daqs zewg tezori. Ma' dawn kelli wkoll hafna aghmara zghira tal-kartun, u xi platti u buqari tac-caqquf u armar iehor ghad-dar tal-pupa; fost kollox kelli wkoll benniena ta' l-ixkora u l-fettihiet. Mat-tfal girien kont mhux biss nilghab tal-mama` imma wkoll "tal-hanut" ghax kelli mizien zghir; izda flus ma kellix, u konna nixtru u nhallsu biz-zibeg kuluriti. Barra dawn l-affarijiet kelli wkoll kollezzjoni ta' santi li kont naqla' mill-klassi tad-duttrina, u bosta minnhom ghadhom ghandi wkoll. Hekk kienet it-trobbija taghna, bniet ta' sittin sena ilu. Forsi ghalhekk kbirt fiz-zmien u bqajt tifla fil-hajja...

---

L-ISTAMPA WARA' DIN IL-PAGNA TURI:-

Fuq fix-xellug,kartolina "Maltese Lady", warajha stampat pro-gramm tal-Banda La Valette ghad-19 Dic.1920 fi pjazza Tezore-ria, l-Belt., b'reklam ta' Speed's Cigarettes.
Fuq fil-lemin, kartolina tal-Union Postale Universelle, fil-bidu tas-seklu.
Isfel fix-xellug, kartolina tal-Union Postale Universelle, Malta, bit-timbru tal-posta 16-8-1907, fuq wara'.
Isfel fil-lemin, kartolina ta' Raphael Tuck and Co., bit-timbru tal posta 20-1-1906 fuq wara'.
(Il-kartolini gew mislufin minn Guido Lanfranco)